**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1126/2012**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**-VS-**

**DEBORAH FARRUGIA**
**(ID: 346284M)**

**Illum, 25 ta' Novembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputata **DEBORAH FARRUGIA** detentrici tal-karta' ta' l-identita' bin-numru 346284(M) tressqet quddiemha akkuzata talli:

1. Fis-27 ta' Lulju 2003, ghall-habta ta' bejn is-siegha ta' filghodu u d-disgha ta' filghodu, fi Triq Bwieraq Birkirkara, ikkomettiet serq ta' car seat covers ta' lewn kannella u bil-logo tat-Toyota u indicator ta' quddiem tax-xellug minn go vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni LCG-106, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Gilbert Debattista minn Birkirkara;

2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq

vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni LCG-106, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29c) ghad-detriment ta' Gilbert Debattista minn Birkirkara;

3. U talli fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Lulju 2003 u l-4 ta' Lulju 2003, ghall-habta ta' bejn il-hdax ta' filghaxija u t-tmienja ta' filghodu, fi Triq ta' Xmieni, Msida ikkomettiet serq ta' car stereo CD player tal-marka Kenwood ta' mudell mhux maghruf u 5 compact discs minn go vettura tal-ghamla Volkswagen Jetta bin-numru tar-registrazzjoni IAM-116, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Andrew Rizzo mill-Imsida;

4. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq vettura tal-ghamla Volkswagen Jetta bin-numru ta' registrazzjoni IAM-116, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29c) ghad-detriment ta' Andrew Rizzo mill-Imsida;

5. U talli fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Lulju 2003 u l-24 ta' Lulju 2003, ghall-habta ta' bejn id-disgha ta' filghaxija u s-sitta ta' filghodu, fi Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, ikkomettiet serq ta' car stereo CD player ta' marka u mudell mhux maghruf, handbag ta' lewn iswed, wallet ta' lewn sewda, 2 cards tal-banek HSBC U BOV, licenzja tas-sewqan, karta tal-identita`, tapiti tad-dashboard u hames mitt lira Maltin (LM500) fi flus kontanti minn go vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni DBF-682, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c), ghad-detriment ta' Alfreda Pisani minn Sliema;

6. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjed haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe` fuq vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni DBF-682, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) imma izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29c) ghad-detriment ta' Alfreda Pisani minn Sliema;

7. U talli fil-lejl ta' bejn il-5 t'Awwissu 2003 u s-6 t'Awwissu 2003, ghall-habta ta' bejn l-ghaxra ta' filghaxija u s-sebgha neqsin kwart ta' filghodu, fi Triq Ta' Zwejt, San Gwann ikkomettiet serq ta' bumber ta' quddiem, pjanca tar-registrazzjoni ta' quddiem, 2 indicators ta' quddiem u licenzja tas-sewqan minn go vettura tal-ghamla Toyota Windy bin-numru tar-registrazzjoni LCF-468, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c), ghad-detriment ta' Carmel Marchett minn San Gwann;

8. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe` fuq vettura tal-ghamla Toyota Windy bin-numru tar-registrazzjoni LCF-468, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) imma izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29c) ghad-detriment ta' Carmel Marchett minn San Gwann;

9. U talli kisret il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza li saret definittiva u li ma tistax tigi mhassra, moghtja lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata is-6 ta' Frar 2003;

10. U aktar talli saret recediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Civili sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja[1];

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Frar 2016 fejn ma sabitx lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fis-16 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha revokat is-sentenza tal-11 ta' Frar 2016 u ordnat illi l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati;

Rat illi l-atti gew rinvijati lil din il-Qorti kif preseduta kif ordnat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tas-16 ta' Ottubru 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-hatra tal-espert Joseph Mallia fit-13 ta' Marzu 2019 u r-rapport minnu pprezentat waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2019;

Rat l-atti kollha;

[1] 24 ta' Ottubru 2012, fol.17.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2019;

Rat illi l-kawza kienet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**

**Il-Maggur Edgar Dalli li xehed fit-13 ta' Frar 2014**, qal illi huwa gie mitlub fis-6 ta' Awwissu 2003 sabiex jezamina l-vettura Toyota Windy LCF-468 fil-bitha tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali ghal xi impronti digitali, u hejja rapport fir-rigward li gie esebit fl-atti bhala Dok. ED1. Jirrizulta mir-rapport tal-istess espert illi l-vettura giet ezaminata fil-presenza tas-sid taghha Carmel Marchett fejn gew elevati diversi impronti digitali minn diversi partijiet mill-vettura – il-*lifters* rispettivi gew esebiti bhala parti mir-rapport tal-espert u jinsabu a fol. 69 tal-atti.

**PS 680 illum Spettur Colin Sheldon xehed fit-13 ta' Frar 2014** u qal illi fl-24 ta' Lulju 2003 huwa kien ezamina lill-vettura Peugeot 206 DBF-682 li kienet giet sgassata u minnha kienu sterqu xi effetti personali ta' sid il-vettura. Ix-xhud qal li kien eleva mill-vettura sitt impronti digitali minn diversi partijiet tal-vettura, u esebixxa r-rapport tieghu flimkien mal-*lifters*, ilkoll esebiti komplessivament bhala Dok. CS1.

**L-Ispettur Darren Buhagiar li wkoll xehed fit-13 ta' Frar 2014**, qal illi fl-4 ta' Lulju 2003 huwa kien ezamina lill-vettura Volkswagen Jetta IAM-116 fil-bitha tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Huwa esebixxa r-rapport tieghu (Dok. DB9) flimkien mal-lfiters ta' diversi impront digitali li kienu gew elevati minnu waqt l-ezami tal-vettura fil-presenza ta' sidha Andrew Rizzo.

Permezz ta’ provvediment moghti fit-13 ta’ Marzu 2019 il-Qorti hatret lill-espert Joseph Mallia sabiex jiehu l-impronti digitali u tal-palma tal-id tal-imputata, u dan bil-ghan illi jsir ezami komparattiv bejn dawn l-impronti u l-*lifters* esebiti fl-atti.

**L-istess espert Joseph Mallia**, wara illi rtira mill-atti r-rapporti fuq imsemmijha kontenenti l-*lifters* tal-impronti digitali elevati, u wara li eleva l-impronti digitali u tal-palma tal-id tal-imputata waqt l-udjenza tat-8 ta’ Mejju 2019, ipprezenta r-rapport tieghu Dok. JM1 fil-15 ta’ Lulju 2019. Huwa xehed illi:-

- kwantu ghall-*lifters* li ttiehdu mill-vettura Peugeot 206 bin-numru ta’ registrazzjoni DBF-682, kien hemm impronta wahda (*lifter* Dok. 03 BWQ 301) li kienet taqbel pozittivament u kienet identika ghall-marka tas-sebgha tal-id il-leminija tal-imputata, liema *lifter* skont ir-rapport Dok. CS1, kien gie elevat minn fuq il-bieba ta’ quddiem, naha tal-passiggier, min-naha ta’ barra tal-vettura;

- kwantu ghall-*lifters* li ttiehdu mill-vettura Vokswagen Jetta bin-numru ta’ registrazzjoni IAM-116, kien hemm impronta wahda (*lifter* Dok. 03 BBK 301) li kienet identika u taqbel pozittivament ma’ parti mill-pala tal-id ix-xellugija tal-imputata, liema impronta giet elevata, skont ir-rapport Dok. DB9, mill-hgiega tal-bieba tax-xufier minn barra; u impronta ohra (*lifter* Dok. 03 BBK 301a) li kienet identika mas-saba’ l-kbir tal-id il-leminija tal-istess imputata, liema impronta skont ir-rapport Dok. DB9 ukoll giet elevata minn fuq il-hgiega tal-bieba tax-xufier minn barra.

- kwantu ghall-*lifters* li ttiehdu mill-vettura Toyota Windy bin-numru ta’ registrazzjoni LCF-468, kien hemm impronta wahda (*lifter* Dok. 03 BYR 302) li skont ir-rapport Dok. ED1, giet elevata mill-bonnett tal-vettura, li kienet taqbel pozittivament u kienet identika ghall-marka tas-sebgha l-kbir tal-id tax-xellug tal-imputata, u impronta ohra (*lifter* Dok. 03 BYR 304) li

kienet identika ghal parti mill-pala tal-id ix-xellugija tal-imputata u li skont l-istess rapport Dok. ED1, kienet ittiehdet minn fuq il-hgiega tat-tieqa ta' wara x-xufier.

**Fil-15 ta' Lulju 2017 xehed ukoll PS 1575 Robert Fava** li kkonferma illi fit-3 ta' Lulju 2003 ghall-habta tat-8.25 a.m. certu Andrew Rizzo rrapporta lilu li waqt li l-vettura tieghu IAM-116 Volkswagen Jetta kienet ipparkjata l-lejl ta' qabel, instab nieqes minn go fiha CD stereo tal-marka Kenwood tal-valur ta' Lm98 kif ukoll hames CDs, skont kif jirrizulta mill-okkorrenza relattiv esebita mix-xhud u mmarkata Dok. X

L-istess xhud PS 1575 Robert Fava xehed ukoll illi fl-24 ta' Lulju 2003 giet tirrapporta gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema certu Alfreda Pisani illi xi hadd kien seraq minn gol-vettura taghha Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DBF-682, il-karta tal-identita`, Lm50, dashboard cushion, credit cards u hi-fi equipment, skont kif jirrizulta mill-okkorrenza relattiva esebita mix-xhud Dok. Y.

**L-Ispettur Darren Buhagiar** esebixxa wkoll waqt id-depozizzjoni tieghu tal-21 ta' Frar 2013, tliet okkorrenzi relattivament ghar-rapporti li saru dwar serqiet li saru mill-vetturi Toyota Starlet LCG-106, Toyota Windy LCF-468, Peugeot 206 DBF-682 u Volkswagen Jetta IAM-116[2]. Esebixxa wkoll zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputata fit-28 ta' Novembru 2012[3] in konnessjoni mal-allegati serqiet mid-diversi vetturi, fejn l-imputata prattikament irrifjutat li twiegeb ghad-domandi kollha li sarulha waqt l-interrogazzjoni, kif ukoll gew esebiti zewg sentenzi[4] ghall-fini tal-addebitu fid-disa' imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva fl-ghaxar imputazzjoni.

[2] Dok. DB5, DB6, DB7 u DB8 a fol. 38 *et seq*.

[3] Dok. DB3 u DB4.

[4] Dok. DB1 u DB2: il-Qorti tosserva illi ma jirrizultax illi dawn il-kopji fotostatici tas-sentenzi relattivi huma kopji legali stante illi hija nieqsa l-firma tad-deputat registratur fuq it-timbru.

L-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri u lanqas ma ressqet xi xhieda jew provi ohrajn.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis illi ghandha tibda billi tirrileva illi ghalkemm jirrizulta illi l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu gew iddikjarati maghluqin minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' Mejju 2014, u ghalkemm l-Avukat Generali fl-appell tieghu mis-sentenza tal-11 ta' Frar 2016 ressaq l-aggravju illi l-ewwel Qorti ma messhiex iddikjarat maghluqa l-provi tal-prosekuzzjoni meta kien ghad fadal provi ohrajn x'jitressqu min-naha tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tas-16 ta' Ottubru 2018 evidentement laqghet l-appell tal-Avukat Generali limitatament ghall-aggravju illi l-ewwel Qorti ddikjarat maghluqa l-provi tal-prosekuzzjoni minghajr ma hatret, kif kellha del resto tahtar, l-espert mitlub mill-prosekuzzjoni. Effettivament, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni tal-Qorti tal-Magistratili, mghobbija b'hafna xoghol, trid tmexxi l-kawza, u ma tistax minhabba ntoppi li, bi ftit tal-ghaqal u koperazzjoni, setghu jkunu evitati.*

***Biss**, galadarba kienu pprezentati tliet sets ta' impronti digitali, **it-talba li l-Prosekuzzjoni ghamlet talba ghal tliet darbiet ghall-hatra ta' espert – liema hatra setghet issir mill-Qorti biss – kellha tintlaqa'**. Ikun x'ikun l-effett ahhari ta' din il-hatra, irid jarah min jiggudika li lanqas hu marbut bir-relazzjoni tal-espert (Artikolu 656 tal-Kap. 9).*

***Ghal din ir-raguni**, l-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u qed tirrevoka s-sentenza oghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati fil-11 ta' Frar 2016 u qed tirrimetti l-kaz lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex l-imputata jkollha d-dritt ghad-dopopi esame.*" [enfasi wkoll ta' din il-Qorti]

Ghaldaqstant, hija l-fehma ta' din il-Qorti, kif del resto diga` minnha dikjarat waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2019, illi l-atti gew rinvijati lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali mhux biex jerga' jinfetah berah l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni u biex l-istess prosekuzzjoni tkompli tressaq iktar provi li ma

tressqux quddiem din il-Qorti diversament preseduta sakemm l-istess Qorti ddikjarat il-provi taghha maghluqin fid-29 ta' Mejju 2014, izda limitatament sabiex finalment jinhatar minn din il-Qorti l-espert li ghal darba darbtejn kienet talbet il-hatra tieghu l-Prosekuzzjoni biex jiehu l-impronti digitali tal-imputata u bil-ghan li jsir ezami komparattiv ma' dawk l-impronti esebiti fl-atti. Effettivament, jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni baqghet qatt ma talbet ir-revoka ta' dik l-ordni u lanqas oggezzjonat ghal dik l-ordni b'ebda mod tul is-sentejn li ghaddew sakemm effettivament inghatat is-sentenza fil-11 ta' Frar 2016. Konsegwentement il-provi li kellhom jigu mismughin minn din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proceduri kellhom ikunu, kif fil-fatt gew, limitati ghall-provi dwar l-ezami komparattiv bejn l-impronti esebiti in atti u dawk mehudin mill-espert tal-Qorti minghand l-imputata.

Maghmula din il-premessa, il-Qorti tqis li ghandha tghaddi biex tistharreg u tistabbilixxi jekk mill-provi akkwiziti fl-atti tistax tinstab htija fl-imputata ghar-reati li gew addebitati lilha fic-citazzjoni[5].

**<u>L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni</u>**

Kwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet li jaddebitaw lill-imputata r-reat ta' serq ta' diversi oggetti mill-vettura Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni LCG-106, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, il-hin u x-xorta tal-haga misruqa, kif ukoll ir-reat ta' twettiq volontarju ta' hsara fl-istess vettura, il-Qorti minnufih tosserva illi ma ngiebet l-ebda prova kwalsiasi li torbot lill-imputata ma' din il-vettura. Ma jirrizultax mill-atti li saru xi tfittxijiet fuq din il-vettura ghall-marki ta' swaba' u marki ohrajn, u effettivament ma gie esebit l-ebda rapport forensiku fir-rigward b'xi *lifters* ta' xi impronti digitali bhalma gew esebiti in konnessjoni mal-vetturi mertu tal-imputazzjonijiet l-ohrajn migjuba fil-konfront tal-imputata. Barra minn hekk, filwaqt illi l-allegat vittma tar-reati addebitati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet gie indikat illi huwa certu Gilbert Debattista, mill-okkorrenza

[5] Fol. 21 *et seq*.

jirrizulta li kien certu Nazzareno Debattista li ghamel ir-rapport dwar serq mill-vettura tieghu LCG-106, u fuq kollox, lanqas tressaq xi xhud okulari li jidentifika lill-imputata fil-kommissjoni ta' dawn ir-reati.

Dan stabbilit, il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputata mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

**<u>It-Tieni u t-Tielet Imputazzjoni.</u>**

Dawn l-imputazzjonijiet jaddebitaw lill-imputata s-serq aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ta' diversi oggetti mill-**vettura Volkswagen Jetta IAM-116 ghad-detriment ta' Andrew Rizzo**, kif ukoll hsarat volontarji kkagunati lill-istess vettura.

Fir-rigward, xehed PS 1575 Robert Fava li esebixxa okkorrenza[6] dwar rapport li sar lilu fl-4 ta' Lulju 2003 minn certu Andrew Rizzo li rrapporta illi minn gol-vettura tieghu IAM-116 Volkswagen Jetta, li kienet ipparkjata gewwa l-Imsida, instab nieqes CD stereo tal-marka Kenwood tal-valur ta' Lm98 kif ukoll hames CDs, skont kif jirrizulta mill-okkorrenza relattiv esebita mix-xhud u mmarkata Dok. Y.

Xehed ukoll l-Ispettur Darren Buhagiar[7] li esebixxa r-rapport forensiku tieghu (Dok. DB9) flimkien mal-*lifters* ta' diversi impront digitali li kienu gew elevati minnu waqt l-ezami li huwa ghamel fuq din il-vettura fil-presenza ta' sidha Andrew Rizzo.

Mir-rapport tal-espert Joseph Mallia, jirrizulta illi kwantu ghall-*lifters* li ttiehdu mill-vettura Vokswagen Jetta bin-numru ta' registrazzjoni IAM-116, kien hemm impront wiehed (*lifter* Dok. 03 BBK 301) li huwa identiku u jaqbel pozittivament

[6] Dok. Y.
[7] 21 ta' Frar 2013.

ma' **parti mill-pala tal-id ix-xellugija tal-imputata**, liema impronta giet elevata skont ir-rapport Dok. DB9 mill-**hgiega tal-bieba tax-xufier minn barra**; u impront iehor (*lifter* Dok. 03 BBK 301a) li huwa identiku mas-**saba' l-kbir tal-id il-leminija tal-istess imputata** liema impront skont ir-rapport Dok. DB9 gie elevat minn fuq **il-hgiega tal-bieba tax-xufier minn barra**.

**<u>Il-Hames u s-Sitt Imputazzjoni</u>**

Dawn jaddebitaw lill-imputata s-serq aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, ta' diversi oggetti mill-**vettura Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni DBF-682 a dannu ta' Alfreda Pisani**, kif ukoll hsarat volontarji kkagunati lill-istess vettura.

Fir-rigward, xehed PS 1575 Robert Fava li esebixxa okkorrenza[8] dwar rapport li sar lilu fl-24 ta' Lulju 2003 minn certu Alfreda Pisani li rrapportat fl-Ghassa ta' Tas-Sliema illi minn gol-vettura taghha DBF-682 Peugeot 206, xi hadd kien illeva l-bieba tax-xellug tal-vettura taghha li kienet ipparkjata gewwa tas-Sliema, u minn go fiha nsterqu diversi oggetti fosthom flus kontanti, *dashboard cushion, car stereo*, dokumenti tal-identita` u *credit cards*, skont kif jirrizulta mill-okkorrenza relattiv esebita mix-xhud u mmarkata Dok. X. Xehed ukoll l-Ispettur gia` PS680 Colin Sheldon[9] li esebixxa r-rapport forensiku tieghu (Dok. CS1) flimkien mal-*lifters* ta' diversi impronti li li kienu gew elevati minnu waqt l-ezami li huwa ghamel fuq din il-vettura fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fl-24 ta' Lulju 2003.

Mir-rapport tal-espert Joseph Mallia, jirrizulta illi kwantu ghall-*lifters* li ttiehdu mill-vettura DBF-682, kien hemm **impront wiehed** (*lifter* Dok. 03 BWQ 301) li kien identiku u jaqbel pozittivament ma' marka **mis-saba' l-kbir tal-id il-**

[8] Dok. X.

[9] 13 ta' Frar 2014.

**leminija tal-imputata**, liema impront gie elevat skont ir-rapport Dok. CS1 **mill-bieba ta' quddiem tal-vettura, naha tal-passiggier, minn barra**.

**Is-Seba' u t-Tmien Imputazzjoni**

Dawn jaddebitaw lill-imputata s-serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ta' zewg indicators, bumper ta' quddiem, pjanca ta' registrazzjoni ta' quddiem mill-**vettura Toyota Windy bin-numru tar-registrazzjoni LCF-468 a dannu ta' Carmel Marchett**, kif ukoll hsarat volontarji kkagunati lill-istess vettura.

Fir-rigward, xehed l-Ispettur Darren Buhagiar li esebixxa okkorrenza[10] dwar rapport li sar fis-6 ta' Awwissu 2003 minn Carmel Marchett li rrapporta li dakinhar fil-ghodu xi hadd kien seraq diversi partijiet mill-vettura tieghu LCF-468 li kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tieghu gewwa Triq George Tayar, San Gwann. Xehed ukoll il-Maggur Edgar Dalli[11] li esebixxa r-rapport forensiku tieghu (Dok. ED1) flimkien mal-*lifters* ta' diversi impronti li li kienu gew elevati minnu waqt l-ezami li huwa ghamel fuq din il-vettura fis-6 ta' Awwissu 2003.

Mir-rapport tal-espert Joseph Mallia, jirrizulta illi kwantu ghall-*lifters* li ttiehdu mill-vettura LCF-468, kien hemm **zewg impronti** li gew komprati pozittivament ma' dawk tal-imputata: wiehed (*lifter* Dok. 03 BYR 302) li kien identiku mal-marka tas-**saba' l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputata**, liema impront gie elevat skont ir-rapport Dok. ED1 mill-**bonnett tal-vettura**, u iehor (*lifter* Dok. 03 BYR 304) li kien identiku ma' parti mill-**pala tal-id ix-xellugija tal-imputata**, liema impront gie elevat skont ir-rapport Dok. ED1, minn fuq **il-hgiega tat-tieqa ta' wara x-xufier**.

---

[10] Dok. DB6 a fol., 42 *et seq*.

[11] 13 ta' Frar 2014.

**Konsiderazzjonijiet dwar it-Tielet sat-Tmien Imputazzjonijiet**

Il-Qorti sejra tittratta it-tielet sat-tmien imputazzjonijiet kumulattivament u tibda billi tosserva illi huwa tabilhaqq minnu illi nstabu xi impronti digitali tal-imputata fuq in-naha ta' barra ta' tlieta mill-erba' vetturi li minn go fihom allegatament insterqu diversi oggetti kif addebitat fit-tielet sat-tmien imputazzjoni, cioe` l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAM-116 Volkswagen Jetta, l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBF-682 Peugeot 206 u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCF-468 Toyota Windy. Dan ifisser illi hija inevitabbli l-konkluzjoni illi l-imputata kellha xi kuntatt mal-vetturi in kwistjoni. Madanakollu, jigi osservat ukoll illi dawn l-impronti digitali li nstabu fuq l-imsemmija vetturi u li huma identici ghal dawk tal-imputata, huma l-unici provi in atti li jorbtu lill-imputata b'xi mod mal-hsarat u kwindi wkoll mas-serqiet li twettqu fuq dawn il-vetturi.

Jigi osservat ukoll illi ma hemm xejn fil-ligi li jeskludi li l-ufficjali tal-Pulizija jelevaw huma stess *lifters* ta' impronti digitali minn fuq oggett li huwa relevanti ghall-finijiet tal-invesitgazzjoni, minghajr dawn l-ufficjali ma jkunux nhatru f'inkjesta Magisterjali, u huwa ben stabbilit illi l-Pulizija jistghu legittimament jiehdu impronti digitali minn fuq il-post tal-allegat reat kif ukoll illi l-*lifters* relattivi huma ammissibbli bhala prova fil-proceduri kriminali li jittiehdu eventwalment fil-konfront tal-persuna suspettata tar-reat.

Din il-pozizzjoni giet stabbilita fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Frendo**[12], u riaffermata fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manuel Cachia** moghtiija fit-28 ta' Settembru 2011 fejn gie ritenut:-

"*Issa, hi ormai ġurisprudenza stabbilita li esperti li huma uffiċjali tal-Pulizija huma xhieda kompetenti fir-rigward biss ta' rizultanzi fattwali. Dawn il-marki fil-fatt f'dan l-istadju jistgħu jigu elevati mill-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha indipendentement minn kull ordni tal-Qorti, fil-kors normali ta' l-*

[12] Deciza fit-30 ta' Dicembru 2004.

*indagini. L-awtenticita` tal-operat tal-Pulizija, u l-attendibilita` tal-prova li tkun trid issir bihom, tkun dejjem soġġetta ghall-iskrutinju tal-Qorti u tal-partijiet fil-proċedura, konsegwenzjali għall-indaġini rikjesta. L-opportunita` f'dan l-istadju ghan-nomina ta' persuni li ma jkunux uffiċjali tal-Pulizija tirriżulta għalhekk mill-interess generali tal-ġustizzja u l-amministrazzjoni tagħha ...*"

Dan wara kollox huwa ormai stabbilt legislattivament fil-proviso tal-Artikolu 546(1) u fis-subartikolu (3) tal-istess Artikolu 546 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

F'dan il-kaz, id-difiza fit-trattazzjoni finali, issottomettiet illi l-valur probatorju tal-impronti elevati mill-Pulizija waqt l-ezamijiet individwali kondotti fuq il-vetturi in kwistjoni wara d-diversi rapporti li saru dwar serq ta' oggetti minn gewwa l-istess vetturi, huwa minimu u l-impronti digitali wahedhom ma jistghux jiswew bhala prova li tistabbilixxi meta effettivament dik l-impronta thalliet fuq il-vettura. Issostni wkoll illi galadarba mill-*lifters* tal-impronti elevati mill-vetturi kif ukoll mill-ezami komparattiv li sar mill-espert tal-Qorti, jirrizulta illi kien hemm diversi impronti ohrajn li nstabu anke fuq in-naha ta' gewwa tal-vetturi illi m'humiex tal-imputata, dan ifisser illi ma kienetx l-imputata biss li kellha kuntatt ma' dik il-vettura. Konsegwentement, gie sottomess illi l-prova li kien hemm impronti digitali tal-imputata fuq il-vetturi minn barra biss, m'hijiex konklussiva tal-htija taghha ghar-reati lilha addebitati u wahedhom, dawn l-impronti mhumiex bizzejjed biex iwasslu ghall-hatja tal-imputata ghas-serqiet addebitati.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza illi filwaqt li fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, il-provi indizzjarji ghandhom ikunu univoci biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragonevoli, tar-reita` tal-imputat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk in propositu:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe` mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah* provi ohra tal-Prosekuzzjoni ***u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova***". [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li f'dak il-kaz:-

"*... il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra.* ***Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza***". [enfasi ta' din il-Qorti]

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simeon Nicholas Sultana**[13] gie ikkunsidrat illi:-

*"... in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' htija, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il-kaz taghha****. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sejbien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*"

Applikat dan l-insenjament ghall-fattispecje tal-kaz in dizamina, huwa minnu illi mehudin wahedhom, l-impronti digitali tal-imputata fuq il-vetturi in kwistjoni, jikkostitwixxu biss prova tal-fatt illi l-imputata kellha kuntatt mal-vetturi li

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Novembru 2001 u citata fis-sentenza **Il-Pulizija vs Sergio Agius**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Settembru 2019.

allegatament sarulhom il-hsara u li nsterqu oggetti minn go fihom, u xejn iktar, izda fl-istess hin, din il-prova fattwali tikkostitwixxi wkoll indizzju ta' htija li l-piz tieghu ghandu mbaghad jigi meqjus fl-assjem tal-provi l-ohra kollha - sija diretti u sija wkoll cikostanzjali - li jirrizultaw mill-atti.

Kif gia` nghad, id-difiza tikkontendi illi galadarba l-*lifters* instabu **fuq barra** tal-vetturi in kwistjoni u **mhux fuq gewwa**, u galadarba ma tressqet ebda prova li din il-vettura kienet tinzamm maghluqa gewwa garaxx, l-impronti tal-imputata fuq vettura li kienet fit-triq fejn allura kulhadd jista' jmiss maghha, ma jistghux iservu bhala indizzju univoku tal-htija tal-imputata.

Dan l-istess punt identiku diga` gie dibattut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kyle Stone** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru 2013, fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal dak li ntqal mill-istess Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Dicembru 2004 f'kaz konsimili dwar impronti digitali tal-imputat misjuba fuq in-naha ta' barra tal-vettura li minn go fiha nsterqu xi oggetti. F'dik is-sentenza, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Frendo**, il-Qorti kienet qalet hekk:-

"*Il-qofol ta' l-aggravju ta' l-appellant għal dak li jirrigwarda l-prova tal-fingerprints hu li fil-kaz de quo dawn ma seta' qatt ikunu prova sufficjenti sabiex tinstab htija fil-konfront tieghu, u dan peress li dawn instabu, skont hu f'post pubbliku, ċioe` f'post fejn jidħlu ħafna nies, u li għalhekk, skont hu, kellu jkun hemm xi forma ta' "korroborazzjoni".*

*Din il-Qorti ma taqbilx. L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "&works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk,* ***fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta*** *tikkonvinċix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw għall-anqas għal tentattiv ta' dak ir-reat.*" [enfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

Illi fl-istharrig tal-Qorti dwar jekk l-impronti li evidentement thallew mill-imputata fuq il-vetturi Toyota Windy bin-numru ta’ registrazzjoni LCF-468, Peugeot 206 bin-numru ta’ registrazzjoni DBF-862 u Volkswagen bin-numru ta’ registrazzjoni IAM-116, waqt l-allegat kommissjoni tar-reat ta’ serq minn dawn il-vetturi, hija kkunsidrat is-segwenti rizultanzi mill-provi:-

- l-impronti digitali tal-imputata nstabu fuq tlieta mill-erba’ vetturi msemmija fic-citazzjoni, u fuq tnejn minn dawn, instabu **zewg impronti** tal-imputata u mhux wiehed biss;
- dawn l-impronti instabu f’partijiet limitati izda relevanti tal-vettura cioe`, fuq il-bibien minn barra u fuq il-hgiega tal-bieba kwantu ghall-vetturi li nsterqu oggetti minn go fihom fosthom *car stereos* u diversi oggetti personali (DBF-682 u IAM-116), filwaqt illi fuq dik il-vettura (LCF-468) li minnha nsterqet il-bumper u pjanca ta’ quddiem u l-indicators ta’ quddiem, instab l-impront tal-imputata *inter alia* fuq il-bonnet tal-istess vettura[14];
- l-impronti kienu elevati fl-istess gurnata li, skont kif gie rapportat fl-okkorrenzi relattivi, sehhew is-serqiet.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**[15], f’cirkostanzi ta’ serq minn gewwa fond mhux abitat, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet osservat b’mod pertinenti ferm, illi l-impronti digitali ma jsibux ruhhom mal-bibien tad-djar kif gieb u lahaq:-

“*Fil-kors normali tal-ħajja n-nies ma joqogħdux iċappsu idejhom ma’ bibien tan-nies, speċjalment bibien li ma jintużawx.*”

---

[14] Instabet ukoll impronta fuq il-hgiega tat-tieqa ta’ wara x-xufier – vide referenza ghal-*lifter* Dok. 03 BYR 304 a fol. 91.

[15] Appell Kriminali (Inf.), **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**, deciza 17 ta’ Settembru 2008.

Fl-istess sentenza appena citata, il-Qorti qieset ukoll illi l-fatt li impronta tkun instabet f'post pubbliku ma jfissirx necessarjament illi dan l-indizzju jehtieg korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohrajn. In propositu gie osservat hekk:-

"*Prova indizjarja waħda, jekk tkun univoka w ma tagħti lok ghall-ebda spjegazzjoni oħra għajr dik tal-ħtija tal-akkużat, tista' tkun biżżejjed biex fuqha biss tinstab dik il-ħtija.*"

L-istess osservazzjoni ssib riskontru pjen ukoll fil-kaz odjern ghaliex fil-fehma tal-Qorti, anke jekk vettura tkun ipparkjata barra fit-triq, m'huwiex mistenni illi persuni li ma ghandhomx x'jaqsmu mal-vettura joqghodu jmissu maghha, *multo magis* mal-hgiega tat-tieqa u l-bonnett. Certament jekk ser ikun hemm kuntatt ghal raguni legittima minn persuni estranei ghall-vettura, il-Qorti tifhem li dan il-kuntatt x'aktarx ikun wiehed mhux intenzjonali li jsir fil-waqt li jkun qieghed addirittura jigi evitat li jsir kuntatt, bhal f'kaz fejn il-passagg tal-persuna bejn zewg vetturi pparkjati jkun ristrett wisq biex il-persuna tghaddi minghajr ma tmiss mal-vettura. F'kull kaz izda, il-kuntatt m'huwiex mistenni li jsir proprju bis-subajn u l-pala tal-idejn tan-nies, wisq anqas f'dawk il-partijiet specifici tal-vettura li solitament jipprovdu access lill-vettura.

Fil-qies ta' dak kollu fuq ikkunsidrat, il-Qorti fehmet ukoll illi l-incidenza li l-istess persuna thalli impront digitali jew tal-idejn prattikament fl-istess partijiet ta' vettura mhux wahda, izda fuq tlieta mill-erba' vetturi li minnhom qed jigi addebitata lilha r-reat ta' serq u hsara volontarja, hija prattikament inezistenti, multo magis meta jirrizulta li dawn il-vetturi ma kienux kollha pparkeggjati fl-istess lok u lanqas fl-akkwati ta' xulxin, tant illi jirrizulta mill-okkorrenzi relattivi esebti in atti, illi filwaqt li l-vettura DBF-682 kienet ipparkjata f'Tas-Sliema meta allegatament twettaq ir-reat, il-vettura IAM-116 kienet ipparkjata gewa l-Imsida u l-vettura LCF-468 kienet pparkeggjati fl-inhawi ta' San Gwann..

Stabbilit dan kollu, ghall-Qorti huwa evidenti illi qatt ma jista' jitqies li hija kumbinazzjoni li l-impronti digitali tal-imputata nstabu fuq il-bonnett, bieba u l-hgiega tat-tieqa fuq barra ta' addirittura tlieta mill-vetturi mertu tar-reat addebitati lilha. Ghalkemm ma jidhrix li hemm provi ohrajn, la diretti u lanqas indizzjarji, li jorbtu lill-imputata mal-allegat serq mill-vetturi msemmija fic-citazzjoni, il-Qorti tosserva illi dan il-kaz huwa differenti ferm mill-kaz mertu tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[16] fejn l-unika prova kontra l-imputat kienet il-prova indizzjarja ta' impront digitali wiehed li nstab fuq il-batterija gewwa vettura li ma jirrizultax li kellha ebda konnessjoni mas-serqa mertu tal-kaz.

Il-Qorti, filwaqt tirrikonoxxi, kif sewwa sottomettiet id-difiza waqt it-trattazzjoni, illi hemm certi kazijiet fejn is-sejbien ta' impronti tal-persuna imputata fuq ir-res furtiva jew fuq oggett li bih jinkiseb access ghar-res furtiva, ma jistax jitqies bhala prova konklussiva tal-htija ghar-reat ta' serq jew hsara volontarja, dan il-kaz m'huwiex wiehed minnhom. Huwa minnu illi fuq barra tal-vetturi li minnhom insterqu l-oggetti kif addebitat fic-citazzjoni, jirrizulta li nstabu wkoll impronti li ma jaqblux ma' dawk tal-imputata u kwindi jappartjenu lil terzi, izda f'dan il-kaz apparti l-konsiderazzjoni li ma hemm assolutament xejn fl-atti li jeskludi li dawn l-impronti kienu effettivament tal-persuni li kellhom il-pussess legittimu ta' dawn il-vetturi, mill-atti l-Qorti ma identifikat l-ebda raguni ghaliex l-impronti tal-imputata setghu jinstabu legittimament fuq il-vetturi in kwistjoni.

Ghalkemm il-Qorti hija konxja, ovvjament, illi l-imputata ma ghandha ebda obbligu li ggib xi provi dwar ir-raguni ghalfejn instabu l-impronti taghha fuq il-vetturi li gew sgassati biex minn go fihom jigi kommess xi serq, effettivament ma jirrizulta ebda spjegazzjoni konvincenti fl-atti, lanqas fis-sottomissjonijiet tad-difiza waqt it-trattazzjoni, li tipperswadi lill-Qorti fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi l-impronti tal-imputata saru minnha ghal xi raguni legittima.

---

[16] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fils-17 ta' Mejju 2016.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Mix-xhieda ta' P.S. 1575 Robert Fava, P.S. 680 illum Spettur Colin Sheldon, l-Ispettur Darren Buhagiar u l-Maggur Edgar Dalli, maghdud maghha r-rizultanzi tal-okkorrenzi esebiti bhala Dok. X, Dok. Y u Dok. DB6 relattivament ghas-serq mill-vetturi Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DBF-862, Volkswagen bin-numru ta' registrazzjoni IAM-116 u Toyota Windy bin-numru ta' registrazzjoni LCF-468, rispettivament, fid-dati addebitati fl-imputazzjonijiet relattivi fic-citazzjoni, il-Qorti hija konvinta u ma ghandha ebda dubju ragjonevoli illi effettivament gie kommess serq mill-imsemmija vetturi fid-dati kif ukoll mil-lok addebitati fit-tielet sat-tmien imputazzjonijiet.

Il-Qorti tqis wkoll, konsegwentement, illi l-impronti tal-imputata fuq il-vetturi Toyota Windy bin-numru ta' registrazzjoni LCF-468, Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni DBF-862 u Volkswagen bin-numru ta' registrazzjoni IAM-116, jikkostitwixxu anke wahedhom, prova indizzjarja konklussiva li tikkonvinci lill-Qorti moralment illi kienet l-imputata kkommettiet serq mill-istess vetturi.

Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma illi fl-assenza tal-ahjar prova konsistenti fit-testimonjanza tad-derubati nfushom, sidien tal-vetturi in dizamina, ma tressqitx prova sufficjenti tal-**valur tal-oggetti** li gew effettivament misruqin mill-vetturi in kwistjoni, u lanqas gie stabbilit mill-provi **in-natura u l-valur tal-hsarat** ikkagunati fil-vetturi in kwistjoni skont kif addebitat fir-raba', is-sitt u t-tmien imputazzjonijiet. Ghall-istess raguni, l-Qorti m'hijiex konvinta lanqas illi hemm prova sodisfacjenti **tal-hin** li fih gew effettivament kommessi r-reati addebitati fl-imputazzjonijiet tlieta sa tmienja tac-citazzjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt illi l-Qorti hija sodisfatta bil-prova tal-kwalifiki tas-serq bil-mezz u tax-xorta tal-haga misruqa, ghaliex mill-atti dawn jirrizultaw b'mod sodisfacjenti jekk mhux evidenti mill-atti fit-tliet kazijiet, anke mehud qies tad-definizzjoni ta' "ksur" skont l-Artikolu 264(1) tal-Kap. 9, ma tistax issib htija

ghall-kwalifiki l-ohra tal-hin u l-valur addebitati lill-imputata u lanqas tal-addebiti tal-hsara volontarja.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-addebiti tal-hsara volontarja kkagunata fit-tliet vetturi kif prospettat fir-raba', is-sitt u t-tmien imputazzjonijiet, il-Qorti kkunsidrat illi galadarba huwa evidenti li f'dan il-kaz isib applikazzjoni l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 ghaliex ir-reati saru bhala mezz biex isir reat iehor, ghandha tinghata biss piena ghar-reat l-iktar gravi li f'dan il-kaz huwa r-reat ta' serq.

Izda l-Qorti tosserva wkoll illi fi kwalsiasi kaz, dawn l-imputazzjonijiet huma abbondantement preskritti bit-trapass ta' hames snin u ta' sentejn b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 688(d) u (e) tal-Kap. 9 rispettivament, u dan galadarba jirrizulta li l-valur tal-hsara addebitata ma tiskorrix il-limiti stabbiliti fis-subincizi (b) u (c) tal-Artikolu 325(1) tal-Kap. 9, li jfisser li r-reati taht l-Artikolu 325 huma soggetti, skont il-valur addebitat, ghal piena ta' prigunerija ta' erbatax-il xahar u sitt xhur rispettivament. Jirrizulta wkoll illi l-imputata tressqet quddiem il-Qorti mixlija li kkommettiet is-serqiet in kwistjoni fix-xhur ta' Lulju u Awwissu tas-sena 2003, fit-30 ta' Ottubru 2012, ghalkemm stranament jidher li hija kienet giet arrestata in konnessjoni ma' dawn is-serqiet fit-28 ta' Novembru 2012[17].

Ghaldaqstant, billi ma jirrizultax mill-atti xi prova jew imqar xi spjegazzjoni li turi illi l-imputata ma kienetx maghrufa qabel effettivament giet arrestata, u baqa' ma ntweriex kif u meta l-Pulizija wasslet biex identifikat lill-imputata bhala l-agent tar-reati li giet mixlija bihom (liema prova il-Qorti kienet tistenna li titressaq mill-Prosekuzzjoni fic-cirkostanzi, fejn ghaddew **iktar minn disa' snin** mill-kommissjoni tar-reati addebitati) il-Qorti m'hijiex sejra taghmel assunzjonijiet gratuwiti u hija tal-fehma illi dan id-dubju ghandu jmur favur l-

[17] Ara stqarrijiet Dok. DB3 u DB4 a fol. 31 *et seq*.

imputata *in dubio pro reo* u tqis li ma ghandhomx isibu applikazzjoni d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 692 f'dan il-kaz.

Ovvjament, kwantu ghall-imputazzjonijiet ta' serq aggravat bil-mezz u b'mill-inqas zewg kwalifiki ohrajn[18] f'kull addebitu ta' serq maghmul fic-citazzjoni, isibu applikazzjoni d-dispozizzjonjiet tal-Artikolu 278(1) u (3) tal-Kap. 9. Dan ifisser illi l-azzjoni kriminali hija preskritta bid-dekors ta' ghaxar snin mill-konsummazzjoni tar-reati skont l-Artikolu 688(c) tal-Kap. 9, stante illi l-piena applikabbli, hekk kif mizjuda tassattivament bi grad, hija ta' mhux anqas minn erba' snin. Huwa evidenti illi dan il-perijodu preskrittiv ma ddekorriex anke jekk ma jigux applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 692 tal-Kap. 9, ghaliex filwaqt li r-reat gew kommessi f'Lulju u Awwissu 2003, sehhet l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 693 tal-Kap. 9 meta l-imputata tressqet quddiem il-Qorti fit-30 ta' Ottubru 2012.

**Dan ifisser illi kwantu ghal-ewwel tmien imputazzjonijiet, l-imputata sejra tinsab hatja biss tat-tielet, il-hames u s-seba' imputazzjonijiet, cioe` tar-reati ta' serq mit-tliet vetturi fuq imsemmija, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa biss.**

**<u>Id-Disa' u l-Ghaxar Imputazzjoni</u>**

Kwantu ghad-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet li ghall-prova taghhom huwa pacifiku li jehtieg li jigu prodotti kopji legali tas-sentenza li permezz taghhom l-imputat ikun instab hati skont kif addebitat, jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni esebiet fl-atti zewg sentenzi Dok. DB1 u DB2 allegatament moghtija fil-konfront ta' persuna li effettivament ghandha l-istess konnotati bhal dawk tal-imputata odjerna.

[18] L-ewwel, it-tielet, il-hames u s-seba' imputazzjonijiet.

Madanakollu il-Qorti tosserva illi ma jirrizultax illi dawn il-kopji fotostatici tas-sentenzi relattivi huma kopji legali stante illi hija nieqsa l-firma tad-deputat registratur fuq it-timbru.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut hekk:-

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ..."*

Inoltre, kif inhu risaput, ghalkemm giet esebita fl-atti l-fedina penali tal-imputat, din m'hijiex bizzejjed u ma tikkostitwixxi la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva tal-imputazzjoni tar-recidiva:-

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is- sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."* [19]

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li s-sentenzi esebiti in atti mhumiex idonei biex jipprovaw il-htija tal-imputata ghad-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet.

---

[19] **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Kwantu ghall-piena ghall-htija tar-reati ta' serq il-Qorti hadet qies tal-fedina penali aggornata tal-imputata li giet esebita fl-atti fil-mori tal-appell intavolat mill-Avukat Generali[20] u tosserva illi ghalkemm il-fedina penali tidher li hija wahda ferm refrattarja, jidher ukoll illi l-imputata tbati minn problema ta' dipendenza tad-droga. Il-Qorti ma tistax twarrab lanqas il-fatt illi l-imputata qed tinsab hatja ta' reati li twettqu fis-sena 2003 u kwindi iktar minn sittax-il sena ilu u dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena b'dan illi ma jkunx xieraq li tinghata sentenza ta' habs effettiv. Konsegwentement, fl-isfond tal-fatt illi l-addebiti li taghhom qed tinstab htija, jikkostitwixxu reat kontinwat a tenur tal-Artikolu 18, u kwindi reat wiehed, il-Qorti lanqas ma hija sejra tuza d-diskrezzjoni taghha biex izzid il-piena b'grad jew zewg gradi.

**Decide**

**Ghal dawn l-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li ma ssibx lill-imputata, DEBORAH FARRUGIA hatja tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', is-sitt, it-tmien, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet u tilliberaha minnhom, wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 20, 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g) u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-istess DEBORAH FARRUGIA hatja tat-tielet, il-hames u s-seba' imputazzjonijiet u tikkundannaha tmintax (18)-il xahar prigunerija, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum, il-hatja tikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9, il-Qorti spjegat bi kliem car u li jinftiehem lill-hatja r-responsabbilita` taghha taht mill-Artikolu 28B tal-**

[20] Fol. 132 *et seq*.

**Kapitolu 9 fil-kaz li hija tikkommetti reat iehor li għalih hemm il-piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Inoltre, b'zieda mal-piena diga` inflitta b'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lil DEBORAH FARRUGIA taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghal perijodu ta' tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' supervizjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza moghtija lilha llum.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Supervizjoni moghtija bid-digriet tal-lum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-hatja.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**